MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru 250/2007

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
GAETANO MUSCAT
HENRY MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gaetano Muscat, iben
John Mary u Rosaria mwielda Camilleri, imwieled il-Hamrun fis-17 ta’ Lulju 1976, residenti numru ‘8’, Triq l-Imriekeb, Marsascala jew ‘80’, Triq Zimelli, Hamrun, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 334176(M). Henry Muscat, iben John Mary u Rosaria mwielda Camilleri, mwieled il-Hamrun fil-11 ta’ Dicembru 1967, residenti “Clouhen”, Triq iz-Zakak, Mosta, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 498767(M).

Illi akkuzati talli fis-16 ta’ Marzu 2007, ghall-habta ta’ bejn is-1.30p.m. u s-2:00p.m., waqt li kienu fil-fond “Perla Hse”, numru ‘108’, Triq E.B. Vella, Mosta, kkommettew serq ta’ tumble dryer li l-valur tighu jammonta ghal aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1,000 liema serq hu ggravat bil-mezz, valur u lok u dan ghad-dannu ta’ Melanie Caruana mill-Mosta.

Illi akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin u lok, kkagunaw hsara voluntarja fuq il-propjeta’ tal-imsemmija Melanie Caruana liema hsara taccedi Lm50 izda inqas minn Lm500 u dan ghad-dannu ta’ l-istess Melanie Caruana.

Illi aktar akkuzati talli fl-istess data, hin u lok kkommettew vjolazzjoni kontra l-propjeta’ ta’ l-imsemmija Melanie Caruana u talli kkagunaw offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Jesmond Cutajar minn Hal-Tarxien.

Illi aktar akkuzati talli fl-istess data, hin u lok kissru l-paci pubblika bl-ghajjat, glied jew b’mod iehor.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelanti kienet accettat li l-imputat, Gaetano Muscat, f’darha u dana il-ghaliex ma kellux dar ta’ abitazzjoni wara li gie mkecci mid-dar tal-partner tieghu u dana ghal perijodu qasir sakemm isib akkomodazzjoni alternattiva.

Illi l-imputat pero’ ghamel zmien konsiderevoli jghix ghand il-kwerelanti u x’tara xi oggetti fosthom tumble dryer illi l-kwerelanti kienet qalltu li seta’ johodha mieghu meta jitlaq. Illi x-xheda kemm tal-kwerelanti Melanie Caruana u l-Ispettur Paul Bond turi li l-imputat Gaetano Muscat, gie mkecci mid-dar ta’ l-istess Caruana u li ftit wara li gie mkecci mid-dar, dan dahal fid-dar tal-kwerelanti u flimkien

ma’ huh Henry Muscat, ha fizikament pussess ta’ din it-tumble dryer. Illi in segwitu, nqala’ argument shun u gew imkissra xi oggetti ta’ fajjenzi fid-dar ta’ Melanie Caruana, illi kemm Melanie Caruana, kif ukoll Jesmond Cutajar, haffru lill-imputati, wara li l-istess imputati ghamlu tajjeb ghall-hsarat illi wettqu u hallsu s-somma ta’ mija u erbgha u tmenin euro (184 Euro) fil-mori tal-kawza.

Ikkonsidrat;

L-imputati jinsaghabu mixlija b’akkuzi ta’ serq.

Illi mill-provi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, l-elementi essenzjali tar-reat ta’ serq ma gewx ipprovati u jidher illi Gaetano Muscat dahal fid-dar illi ftit qabel kien jghix fiha, sabiex jiehu lura t-tumble dryer li kien xtara bi flusu.

Illi il-provi kienu jinkwadraw, semmai, taht l-akkuza ta’ ragonfattasi, liema akkuza pero’, ma ngibitx bhala akkuza alternattiva ghal dik ta’ serq.

Illi, di piu, l-kwerelanti haffru u rtiraw l-azzjoni kriminali ghar-reati l-ohra migjuba kontra l-imputati.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati, Gaetano Muscat u Henry Muscat, mhux hatja ta’ l-ewwel akkuza, waqt li tiddikjara l-Procediment Ezawrit ghar-rigward ta’ l-akkuzi l-ohra dedotti kontra taghhom in vista tal-mahfra tal-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------